



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.4.2013
COM(2013) 195 final

2013/0105 (COD) C7-0102/13

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u f-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 108 final}

{SWD(2013) 109 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Direttiva 96/53/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali¹, ilha tikkontribwixxi għal diversi snin, u b'mod sodisfaċenti, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport bit-triq, u dan billi tistabbilixxi d-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi għall-vetturi filwaqt li tiżgura t-trasport nazzjonali u internazzjonali tal-oġġetti u l-passiġġieri. Tindika wkoll taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jingħataw derogi għall-vetturi li jaqbżu dawn il-limiti ta' dimensjonijiet.

Fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-suq u tat-teknoloġiji disponibbli, illum il-ġurnata wieħed jistaqsi jekk l-għażliet li saru fl-adozzjoni tad-Direttiva tal-1996 għadhomx rilevanti. B'mod partikolari, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li jitnaqqas il-konsum tal-prodotti li ġejjin miż-żejt saret kruċjali fil-qasam tat-trasport, u dan l-aktar fit-trasport bit-triq, li huwa responsabbli għal 82 % tal-konsum tal-enerġija fil-qasam tat-trasport. Iż-żieda kontinwa fil-prezz tal-fjuwil qed iżżid bla waqfien il-kontijiet tal-enerġija tal-Ewropa, u dan iwassal għall-ħtieġa li tinstab soluzzjoni bil-għan li jitnaqqas il-konsum min-naħa tal-vetturi. Il-White Paper dwar il-politika tat-Trasport², ippubblikata fl-2011, stabbilixxiet l-għan ta' tnaqqis ta' 60 % tal-emissjonijiet tal-gass serra minn issa sal-2050 meta mqabbel mal-livelli tal-1990.

F'dan il-kuntest, il-White Paper ħabbret reviżjoni tad-Direttiva dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi tal-vetturi tat-trasport bit-triq, bil-għan li tkun tista' sseħħ l-introduzzjoni ta' vetturi aktar ajrudinamiċi fis-suq, b'effiċjenza enerġetika aħjar. Fil-fatt, it-titjib fil-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tal-vetturi kif ukoll fl-istallazzjoni tas-sistemi alternattivi ta' propulsjoni, ibridi jew elettriċi, jista' jsir biss, fil-limiti tad-dimensjonijiet u l-piżijiet massimi awtorizzati mid-Direttiva attwali, b'detriment għall-kapaċità tal-vettura. Il-motorizzazzjoni ibrida jew il-batterji jwasslu għal piż żejjed. Il-kabini tat-tratturi, b'forma tonda fuq quddiem sabiex ikunu aktar ajrudinamiċi, se jkunu itwal. L-istallazzjoni ta' flaps iffurmati apposta fuq wara tal-vettura iżżid ukoll it-tul. Dan it-tnaqqis fil-kapaċità ma jinkoraġġix lit-trasportaturi, lill-burdnara u lill-bennejja jużaw u jiżviluppaw vetturi b'effiċjenza enerġetika aħjar.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva toffri wkoll l-opportunità li titjeb is-sikurezza fit-triq permezz ta' titjib fil-forma tal-kabina li twassal għal tnaqqis fil-parti mhux viżibbli għas-sewwieq, iż-żieda tal-istruttura għall-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta, kif ukoll iż-żieda fis-sikurezza u fil-kumdità tas-sewwieq. Dan se jsalva, partikolarment, il-ħajja ta' bosta utenti vulnerabbli, bħan-nies li jimxu fit-triq jew iċ-ċiklisti, jiġifieri dawk li s-sewwieq mhux dejjem jarahom meta jkun għaddej fit-triq.

Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva 96/53/KE sabiex titjeb l-ajrudinamika tal-vetturi u l-effiċjenza enerġetika tagħhom, filwaqt li titjeb is-sikurezza tat-triq, fil-limiti imposti mill-ġeometrija tal-infrastrutturi tat-triq.

¹ ĠUL 235, 17.9.1996, p. 59.

² White Paper dwar it-Trasport : Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti - COM(2011) 0144

Pereżempju, skont ċerti studji³, iż-żieda ta' flaps li t-tul tagħhom ikun bejn 1m u 2m fuq wara tal-vettura jippermettu li fl-awtostrada, b'veloċità medja ta' 80/90 km/h, wieħed jiffranka bejn 5 u 10 % tal-konsum ta' fjuwil.

Minbarra dan, minn mindu ġiet adottata d-Direttiva 96/53/KE, il-piż medju ta' passiġġier ta' xarabank żdied. Ukoll, il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea imponiet li abbord ikun hemm tagħmir ta' sikurezza, li l-piż tiegħu jnaqqas il-kapaċità tat-tagħbija tal-vettura, u għalhekk l-għadd ta' passiġġieri trasportati. Dan imur kontra l-għan li jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil għal kull persuna trasportata, u wkoll kontra l-għan li jsir trasferiment modali minn vetturi individwali lejn trasport kollettiv, li jiffavorixxi ferm aktar l-ambjent.

L-iffrankar tal-fjuwil u t-tnaqqis fl-emissjonijiet li jniġġsu mhumiex l-uniċi motivazzjonijiet għall-proposta ta' reviżjoni tad-Direttiva 96/53/KE.

Fil-fatt, id-Direttiva 96/53/KE ma tikkunsidrax l-evoluzzjonijiet riċenti tat-trasport bil-kontejners u tat-trasport intermodali. Għalhekk, ċerti kontejners li jintużaw fuq il-linji ferrovjarji, fir-rotot navigabbli, fit-trasport marittimu interkontinentali u fil-kabotaġġ marittimu, ma jistgħux itemmu l-vjaġġ tagħhom bit-triq, ħlief jekk ikollhom permessi speċjali li jżidu l-ispejjeż amministrattivi tat-trasportaturi u l-amministrazzjonijiet. Madankollu, fil-każ tal-aktar kontejners komuni, li t-tul tagħhom ilaħħaq il-45 pied, jiġifieri 13,72m, iż-żieda meħtieġa fit-tul tat-trakk biex jiġi evitat il-bżonn ta' permessi speċjali tkun biss ta' 15 cm, u dan ma jkunx ta' xkiel la f'termini ta' sikurezza fit-triq u lanqas b'rabta mal-ġeometrija tal-infrastrutturi.

Fl-aħħar nett, minħabba li fid-Direttiva attwali hemm nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontrolli tal-vetturi u s-sanzjonijiet applikabbli, kien hemm għadd ta' każijiet ta' ksur li ma ġewx issanzjonati, u dan wassal biex ir-reqwiziti tad-Direttivi ma jkunux effettivi. L-aktar tip ta' ksur li twettaq kien it-tagħbija żejda tal-vettura. Bejn wieħed u ieħor, vettura minn kull tliet vetturi kkontrollati jkollha piż żejded. Dan il-piż żejded spiss jaqbeż l-10 jew saħansitra l-20 % tal-piż massimu awtorizzat. Din is-sitwazzjoni twassal biex l-asfalt konkrit jittiekel minn kmieni, u żżid ir-riskju ta' inċidenti fit-toroq. Twassal ukoll għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-intrapriżi tat-trasport, minħabba li dawk li jwettqu l-ksur jistgħu jiksibu vantaġġi kompetittivi mhux dovuti b'mod illegali. Madankollu, illum il-ġurnata jeżistu soluzzjonijiet tekniċi ta' filtraġġ li jiggarrantixxu kontrolli aktar numerużi, aktar rapidi u effikaċi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn jitwaqqfu l-vetturi li jkunu jridu jiġu kkontrollati. Jeżistu wkoll sistemi ta' ppeżar abbord il-vetturi li jippermettu lis-sewwieq jara hu stess jekk ikunx qed jirrispetta n-normi imposti. Għalhekk huwa meħtieġ li fid-Direttiva 96/53/KE jiżdiedu dispożizzjonijiet dwar il-kontrolli u s-sanzjonijiet, sabiex jerġa' jkun hemm rispett tar-regoli tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi u jiġi żgurat livell tajjeb ta' sikurezza tat-triq flimkien ma' kontinwità tal-infrastrutturi.

Ċerti partijiet interessati kkonċernati esprimew il-mistoqsijiet tagħhom dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/53/KE. Fid-dawl ta' dawn il-mistoqsijiet, il-Viċi President Kallas baġhat ittra tat-13 ta' Ġunju 2012 lill-President tal-Kumitat għat-Trasport tal-Parlament Ewropew. Din l-ittra ttiprovdi gwida dwar dan is-suġġett u tikkunsidra li l-użu transfruntier tal-vetturi aktar twal huwa legali għall-vjaġġi li matulhom tinqabeż biss fruntiera waħda, jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-derogi skont l-Artikoli 4(3), 4(4) jew 4(5) tad-Direttiva 96/53/KE ikunu ssodisfati. Dan l-użu ma għandux iħalli effett notevoli fuq il-kompetizzjoni internazzjonali. Sabiex tiġi riflessa l-gwida pprovduta f'din l-ittra, din ir-reviżjoni, fit-test tad-Direttiva, tinkludi d-dispożizzjonijiet marbuta mal-Artikolu 4(4).

³ Studju TU DELFT tal-2011 dwar l-ajrudinamika tal-piżijiet tqal

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT

Fl-2011 u l-2012 saru konsultazzjonijiet pubbliċi u settorjali, taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni.

Il-konsultazzjoni pubblika, li saret bejn Diċembru 2011 u Frar 2012, wasslet biex jinġabru aktar minn elf kontribuzzjoni min-naħa ta' ċittadini, tal-Istati Membri u tad-diversi organizzazzjonijiet professjonali u mhux governattivi. Il-konsultazzjoni ppermettiet li jiġu identifikati l-opinjoni u li jiġu:

(i) It-titjib fil-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tal-piżijiet tqal għandu jitqies, b'mod unanimu, bħala progress, u l-maġġoranza tal-kontribuzzjonijiet iqisu li huwa meħtieġ li tiġi modifikata d-Direttiva 96/53/KE sabiex ikun jista' jseħħ dan it-titjib.

(ii) L-idea li tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' motorizzazzjonijiet ibridi jew elettriċi, u li jkun hemm żvilupp fl-użu ta' kontejners u l-intermodalità permezz tal-modifikazzjoni tad-Direttiva 96/53/KE qed tiġi approvata b'mod ġenerali.

(iii) Dawk li jaħdmu fil-qasam laqgħu b'mod pożittiv l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll tal-piż żejjed minħabba li din tistabbilixxi mill-ġdid il-kompetizzjoni leali bejn it-trasportaturi filwaqt li jidher li huwa indispensabbli li l-Istati Membri jingħataw il-mezzi biex iwettqu l-kontrolli mingħajr ma jżidu l-ispejjeż jew ifixklu jew jittardjaw it-traffiku.

Abbażi tar-riżultati ta' din il-konsultazzjoni pubblika, saru seminars ta' xogħol li ġabru flimkien, madwar il-Kummissjoni, dawk li jibnu l-vetturi, it-trasportaturi u l-burdnara, il-partijiet interessati tat-trasport kombinat, il-korpi ta' kontroll tat-triq u l-partijiet interessati tas-sikurezza tat-triq. Dawn il-konsultazzjonijiet ħarġu fid-dieher il-kunsens fir-rigward tal-għanijiet ta' tnaqqis fit-tniġġis u fil-konsum tal-fjuwil, ta' titjib fis-sikurezza tat-triq, u l-ftehim dwar il-possibilitajiet ġodda tat-trasport intermodali. Kien hemm ukoll kunsens dwar il-ħtieġa ta' tisħiħ tal-kontrolli, b'mod partikolari tal-piż żejjed eventwali tal-vetturi. Fil-qasam tal-prestazzjoni ajrudinamika, hemm ix-xewqa li jkun hemm kabini ddisinjati apposta u li fuq wara tal-vetturi ssir l-istallazzjoni ta' tagħmir li jnaqqas ir-reżistenza (drag). Ma jidherx li l-adattament tal-piżijiet u tad-dimensjonijiet massimi, limitat u akkumpanjat minn indikazzjoni xierqa fir-rigward tad-dimensjonijiet, huwa ta' riskju għas-sikurezza tat-triq.

Il-miżuri preżentati f'din ir-reviżjoni huma r-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet.

Dawn ġew eżaminati permezz ta' analiżi tal-impatt, li ppermettiet li jintgħażlu l-aqwa għażliet, kemm fil-livell tal-effiċjenza ekonomika kemm dak ambjentali. Ix-xenarju magħżul, spjegat fid-dettall hawn isfel fil-paragrafu 4, jiġbor flimkien ix-xogħol tekniku ta' armonizzazzjoni li tmexxa minn grupp ta' esperti, bil-għan li jiġu adottati atti delegati, u approċċ regolamentari moderat sabiex ma jiġux imposti obbligi mhux proporzjonati jew mhux applikabbli u li jkunu jippenalizzaw, b'mod partikolari, l-intrapriżi żgħir u medji.

Il-konsultazzjoni kienet ukoll titratta l-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/53/KE, li tiddetermina l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati biex wieħed jibbenifika mid-derogi għal-limiti imposti mid-Direttiva, u li d-determinazzjoni tagħhom taqa' taħt l-Istati Membri f'ċerti każi speċifiċi għall-aħħar. Tfaċċaw ċerti diverġenzi fir-rigward tat-traffiku internazzjonali tal-vetturi li jaqbzū d-dimensjonijiet stabbiliti permezz tad-Direttiva. Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel il-linji gwida tagħha dwar id-Direttiva attwali pubbliċi (Ittra tat-13 ta' Ġunju 2012 lill-President tal-Kumitat tat-Trasport tal-Parlament Ewropew). Il-gwida dwar l-Artikolu 4(4) hija riflessa fl-Artikolu 1(2) ta' din il-proposta.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tal-emenda tad-Direttiva 96/53/KE hija bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Fil-fatt, it-titjib fl-effiċjenza u fil-prestazzjonijiet ambjentali tat-trasport bit-triq jikkostitwixxi għan essenzjali tal-politika komuni tat-trasport. Il-professjoni titlob ukoll b'mod kostanti l-armonizzazzjoni tar-regoli fil-livell Ewropew.

Din il-proposta tirrispetta l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Minħabba l-importanza tat-trasport għall-funzjonament tas-suq intern, id-dimensjoni transfruntiera dejjem tikber u ż-żieda fl-ispejjeż tal-fjuwil u fl-emissjonijiet tal-gass serra, huwa indispensabbli li jkun hemm dispożizzjonijiet rigward iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tat-trasport tat-triq, it-tnaqqis tal-impatt ambjentali tiegħu u l-garanzija tar-rispett tar-regoli.

Il-proposta tħalli lill-Istati Membri ħielsa li jiddeċiedu dwar id-derogi għar-regoli li jinsabu fiha f'dak li hu relatat mat-trasport nazzjonali. Twaqqaf kumitat responsabbli għall-assistenza tal-Kummissjoni matul it-tfassil tal-esiġenzi fir-rigward tal-ajrudinamiżmu, kif ukoll tal-gwida dwar il-proċeduri tal-politika ta' kontroll u tas-sanzjonijiet xierqa għall-ksur imwettaq. Għalhekk, il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tilħaq dawn l-għanijiet.

Minħabba li trid tiġi modifikata Direttiva eżistenti, l-istrument propost huwa Direttiva. Il-proposta tikkonċerna kwistjoni li hija ta' interess għall-Ispazju Ekonomiku Ewropew, u għal din ir-raġuni, għandha tiġi applikata għalih.

Fl-aħħar nett, din il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji għall-Unjoni.

4. SPJEGAZZJONI DDETTALJATA TAL-PROPOSTA

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi, l-ewwel nett, l-għoti ta' derogi għad-dimensjonijiet massimi tal-vetturi sabiex jiżdied tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi jew sabiex tiġi ddefinita mill-ġdid il-ġeometrija tal-kabini tat-tratturi. Dawn id-derogi jifflu perspettivi ġodda għal daww li jibnu t-tratturi, trakkijiet u trejlers, iżda għandhom jirrispettaw ċerti esiġenzi, fosthom li ma jżidux il-kapaċità tal-vetturi. Il-Kummissjoni, assistita minn kumitat, se tippreċiża aktar dawn l-esiġenzi. Dawn jassiguraw li r-regoli tas-sikurezza tat-triq, il-limiti minħabba l-infrastrutturi u l-fluss tat-traffiku jiġu rrispettati. Minbarra t-tnaqqis fil-konsum tal-fjuwil u fl-emissjoni tal-gass serra, l-iddisinjjar tal-kabini għandu wkoll jippermetti titjib fil-viżjoni tas-sewwieqa, u dan isalva 400 ħajja umana kull sena fl-Ewropa. Il-kumdità u s-sikurezza tas-sewwieqa se jiżdiedu wkoll.

Il-Kummissjoni se temenda r-Regolament (UE) 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 u ddaħħal fis-seħħ ir-Regolament 661/2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur, sabiex tagħmilhom kompatibbli mal-proposta preżenti tad-Direttiva.

Il-proposta tad-Direttiva tawtorizza ż-żieda ta' tunnellata fil-piż tal-vetturi li għandhom propulsjoni elettrika jew ibrida, sabiex jiġi kkunsidrat il-piż tal-batteriji elettriċi jew tal-motorizzazzjoni doppja, mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-vettura. Minbarra dan, il-piż massimu tal-karozzi tal-linja żdied b'tunnellata b'mod li jiġu kkunsidrati d-diversi bidliet li saru bħaż-żieda fil-piż medju tal-passiġġieri u l-bagalji tagħhom, fit-tagħmir ġdid impost bil-liġi dwar is-sikurezza jew il-klassifikazzjoni ġdida Euro VI.

L-emenda tad-Direttiva 96/53/KE se tiffaċilita l-iżvilupp tat-trasport intermodali permezz ta' deroga ta' 15 cm fuq it-tul tat-trakkijiet li jittrasportaw kontejners ta' 45 pied u li qed jintużaw dejjem aktar fit-trasport interkontinentali u fl-Ewropa.

Il-proposta tikkonferma wkoll li l-użu transfruntier ta' vetturi aktar twal huwa legali għall-vjaġġi li matulhom tinqabeż biss fruntiera waħda, jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-derogi skont l-Artikoli 4(3), 4(4) jew 4(5) tad-Direttiva jkunu ssodisfati. Fir-rigward tal-Artikolu 4(4), dawn l-operazzjonijiet ta' trasport ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri f'każ li l-infrastruttura eżistenti u l-kundizzjonijiet ta' sikurezza tatriq jippermettu dan. L-Artikolu 4(4) huwa emendat skont dan.

Mad-Direttiva 96/53/KE jiżdiedu dispożizzjonijiet ġodda sabiex l-awtoritajiet tal-kontroll ikunu jistgħu jsibu aħjar il-każijiet ta' ksur u jarmonizzaw is-sanzjonijiet amministrattivi li huma applikabbli għalihom. Il-Kummissjoni se tippubblika gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll, sabiex tiżgura l-armonizzazzjoni tal-metodi ta' kontroll bejn l-Istati Membri kollha. L-Istati Membri għandhom iwettqu għadd minimu ta' ppeżar tal-vetturi. Dawn l-ippeżar għandu jitwettaq jew permezz ta' sistemi ta' ppeżar f'moviment integrat fil-karreġġjata, jew permezz ta' senser abbord il-vetturi li mill-bogħod jikkomunika mal-kontrolluri mal-ġenb tatriq. Dawn il-miżuri se jippermettu lill-awtoritajiet tal-kontroll jgħarblu l-vetturi b'mod li għall-kontroll manwali jitwaqqfu biss daww il-vetturi li jkun hemm suspett qawwi ta' ksur fil-konfront tagħhom. Il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-istandards tekniċi tat-tagħmir ta' ppeżar abbord li jkun jista' jikkomunika mal-awtoritajiet tal-kontroll, partikolarment l-istandards tal-interfaċċja tal-komunikazzjoni elettromanjetika. Dan għandu jħeġġeġ il-firxa ta' tali tagħmir. Dawn fil-fatt joffru l-vantaġġ addizzjonali li s-sewwieqa jkunu jistgħu jikkontrollaw aħjar il-piż tal-vetturi tagħhom.

Minbarra dan il-ksur tad-Direttiva 96/53/KE huwa kklassifikat skont il-livell ta' gravità tiegħu, sabiex jiġu armonizzati s-sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fil-livell tal-Unjoni.

Sabiex titħaffef l-implimentazzjoni ta' vetturi aktar ajrudinamiċi u tal-motorizzazzjoni ibrida, il-Kummissjoni se tuża l-baġits li għandha disponibbli, b'mod partikolari daww allokat għan-netwerks TransEwropej u għall-programmi Ewropej ta' riċerka, tal-iżvilupp, u l-innovazzjoni sabiex tiġi megħjuna r-riċerka industrijali flimkien mat-tagħmir tal-flotot ta' vetturi.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti Nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁵,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-White Paper "Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport - Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" ppubblikata fl-2011⁶, tenfasizza l-ħtieġa li sal-2050 jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u b'mod partikolari dawk tad-diossidu tal-karbonju (CO₂), b'60 % meta mqabbel mal-livell tal-1990.
- (2) F'dan il-qafas, il-White Paper tipprevedi li tadatta d-Direttiva 96/53/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1996 li tiffissa, għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gass serra, b'mod li tadatta l-liġi għall-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u għall-bżonnijiet ġodda tas-suq, u sabiex tiffaċilita t-trasport intermodali.
- (3) L-evoluzzjonijiet teknoloġiċi jinkludu l-possibbiltà li jżied tagħmir ajrudinamiku li jkun jista' jidħol 'il ġewwa jew jintewa fuq wara tal-vetturi, l-aktar trejlers jew semitrejlers, iżda li jaqbżu t-tul massimu permess mid-Direttiva 96/53/KE. L-istallazzjoni ta' dan it-tagħmir tista' ssir immedjatament, mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, minħabba li l-prodotti huma disponibbli fis-suq u diġà jintużaw f'kontinenti oħrajn.

⁴ ĠU C , p. .

⁵ ĠU C , p. .

⁶ COM (2011) 0144 -

- (4) It-titjib tal-ajrudinamika tal-kabina tal-vetturi bil-mutur għandha tippermetti wkoll titjib vantaġġjuż fuq il-prestazzjonijiet enerġetiċi tal-vetturi, flimkien mat-tagħmir imsemmi fil-premessa 3 iktar 'il fuq. Madankollu, dan it-titjib huwa impossibbli bil-limiti attwali fuq it-tul stabbiliti mid-Direttiva 96/53/KE, mingħajr ma titnaqqas il-kapaċità tal-vetturi, li jqiegħed fil-periklu l-bilanċ ekonomiku tal-qasam. Għalhekk għandha tiġi pprovduta deroga fuq it-tul massimu.
- (5) Fil-linji gwida tagħha dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020⁷, il-Kummissjoni tipprevedi azzjonijiet bil-għan li l-vetturi jsiru aktar sikuri u li titjeb il-protezzjoni tal-utenti vulnerabbli. Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/38/KE dwar ir-retrofitting ta' mirja fuq vetturi tqal tal-merkanzija reġistrati fil-Komunità⁸, enfasizza wkoll l-importanza tal-viżibbiltà tas-sewwieqa tal-vetturi. Forma ġdida tal-kabini għandha tikkontribwixxi wkoll għat-titjib fis-sikurezza tat-triq billi jonqos il-parti mhux viżibbli fil-viżjoni tas-sewwieqa, b'mod partikolari taħt il-windskrin, u b'hekk issalva għadd ta' ħajjiet ta' utenti vulnerabbli bħall-persuni għaddejnin bil-mixi jew ċiklisti. Din il-forma l-ġdida se tippermetti wkoll li jiġu previsti l-istrutturi tal-assorbiment tal-enerġija f'każ ta' ħabta. Iż-żieda potenzjali fil-volum tal-kabina għandha tippermetti wkoll li jitjiebu l-livelli ta' kumdità u ta' sikurezza għas-sewwieq.
- (6) Għandhom isiru testijiet fuq it-tagħmir ajrudinamiku u l-installazzjoni tiegħu fil-vetturi qabel dan it-tagħmir jitqiegħed fis-suq. Għal dan il-għan, l-Istati Membri se jagħtu ċertifikati li għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.
- (7) L-aktar vetturi twal jistgħu jintużaw fit-trasport transfruntier jekk iż-żewġ Stati Membri kkonċernati jkun jippermettu dan diġà u jekk il-kundizzjonijiet tad-deroga skont l-Artikoli 4, il-paragrafi 3, 4 jew 5 tad-Direttiva jkun ssodisfati. Il-Kummissjoni Ewropea diġà pprovdiet linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. L-attivitajiet tat-trasport imsemmija fl-Artikolu 4(4), ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali jekk l-użu transfruntier jibqa' limitat għal żewġ Stati Membri fejn l-infrastruttura eżistenti u r-rekwiżiti tas-sikurezza tat-triq jippermettu dan. B'dan il-mod jintlaħaq bilanċ bejn, min-naħa l-waħda, id-dritt tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, li jiddeċiedu x'inhuma s-soluzzjonijiet xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li politiki tali ma jagħmlux ħsara lis-suq intern. Għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) qed jiġu kkjarifikati.
- (8) L-użu ta' motorizzazzjoni alternattiva li ma baqgħux jużaw biss l-enerġija mill-fjuwils fossili, u li għalhekk ma jkunux iniġġsu jew iniġġsu anqas, bħall-motorizzazzjoni elettrika jew ibrida għal piżijiet tqal jew għall-karozzi tal-linja (essenzjalment f'ambjent urban jew periurban), iwassal għal piż żejjed li ma għandux jiġi kontabilizzat għad-detriment tal-piż utli tal-vettura, sabiex is-settur tat-trasport tat-triq ma jiġix ippenalizzat f'termini ekonomiċi.
- (9) Il-White Paper dwar it-trasport tinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li wieħed jadatta għall-evoluzzjonijiet tat-trasport intermodali, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport bil-kontejners, fejn qed jintużaw dejjem aktar kontejners ta' 45 pied. Dawn jiġu trasportati bil-ferrovija jew permezz tal-passaġġi tal-ilma. Iżda l-parti tat-triq fit-trasport intermodali tista' tintuża biss, illum il-ġurnata, jekk l-Istati Membri u t-trasportaturi jseguw proċeduri amministrattivi limitati jew jekk dawn il-kontenituri jkollhom irkejjen maqtugħin iċċertifikati li l-ispiża tagħhom hija waħda projbittiva. Żieda ta' 15-

⁷ COM(2010) 389 finali

⁸ COM(2012) 258

il ċentimetru fil-vetturi li jkunu qed iġorruhom tista' tevita l-proċeduri amministrattivi lit-trasportatur, u tiffaċilita t-trasport intermodali, mingħajr riskju jew preġudizzju għall-utenti l-oħra tat-triq jew għall-infrastruttura. Fil-fatt, l-estensjoni żgħira ta' dawn il-15-il ċentimetru b'rabta mat-tul tal-piżijiet tqal artikulati (16,50 m) ma tikkostitwixx riskju addizzjonali għas-sikurezza tat-triq. Skont il-linja politika tal-White Paper dwar it-trasport, din iż-żieda, madankollu, hija biss awtorizzata għat-trasport intermodali, li fih il-parti tat-triq ma taqbiżx it-300 km għall-operazzjonijiet li jimplikaw parti ferrovjarja, fix-xmara jew parti marittima. Din id-distanza tidher waħda suffiċjenti biex tgħaqqad flimkien sit industrijali jew kummerċjali ma' stazzjon għat-trasbord jew port fix-xmara. Sabiex jiġi konness port marittimu u jkun hemm appoġġ għall-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar, huwa possibbli li jkun hemm distanza itwal għal operazzjoni tat-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa.

- (10) Sabiex tissokta l-promozzjoni tat-trasport intermodali u sabiex jiġi kkunsidrat il-piż ta' kontejners vojta ta' 45 pied, jeħtieġ li tiġi estiża d-dispożizzjoni li tawtorizza ċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi b'5 sa 6 fusijiet b'piż ta' 44 tunnellata li jittrasportaw, fi trasport intermodali, kontejners ta' 40 pied għal dawk li jittrasportaw kontejners ta' 45 pied.
- (11) Sa mill-adozzjoni tad-Direttiva 96/53/KE, il-piż medju tal-passiġġieri tal-kowċis kif ukoll tal-bagalji tagħhom, żdied b'mod sostanzjali u dan wassal għal tnaqqis progressiv fl-għadd ta' passiġġieri trasportati, meta jitqiesu l-limiti tal-piżijiet imposti mid-Direttiva. Il-ħtieġa li jkun iffavorit it-trasport kollettiv fil-konfront ta' dak individwali sabiex ikun hemm effiċjenza enerġetika aħjar, twassal sabiex jerġa' jiġi stabbilit mill-ġdid l-għadd ta' passiġġieri ta' qabel għal kull kowċ filwaqt li tiġi kkunsidrata din iż-żieda fil-piżijiet tagħhom u tal-bagalji tagħhom. Dan jista' jsir permezz ta' żieda fil-piż ammissibbli tal-kowċis b'żewġ fusijiet, fil-limiti li, madankollu, jippermettu li ma ssirx ħsara lill-infrastrutturi minħabba brix aktar rapidu.
- (12) L-awtoritajiet responsabbli għar-rispett tal-preskrizzjonijiet marbuta mat-trasport tat-triq jiddikjaraw għadd għoli ta' ksur, xi drabi gravi, b'mod partikolari fir-rigward tal-piżijiet tal-vetturi tat-trasport. Din is-sitwazzjoni tirriżulta mill-għadd insuffiċjenti ta' kontrolli mwettqa skont id-Direttiva 96/53/KE, jew mill-effikaċja dgħajfa ta' dawn il-kontrolli. Minbarra dan, il-proċeduri u r-regoli ta' kontroll huma differenti fl-Istati Membri, u dan joħloq sitwazzjonijiet ta' insikurezza ġuridika għas-sewwieqa ta' vetturi li jiċċirkulaw f'bosta Stati Membri tal-Unjoni. Ukoll, dawk it-trasportaturi li ma jirrispettawx ir-regoli marbuta ma' dan il-qasam, jibbenefikaw minn vantaġġ kompetittiv sinifikanti meta mqabbel mal-kompetituri tagħhom li jimxu mar-regoli, u meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport. Din is-sitwazzjoni hija ta' ostaklu għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. Għalhekk xieraq li l-Istati Membri jżidu r-ritmu tal-kontrolli mwettqa, kemm dawk manwali kif ukoll il-preselezzjonijiet fid-dawl ta' tali kontroll.
- (13) Fil-fatt, diġà huma disponibbli soluzzjonijiet tekniċi sempliċi, fissi jew mobbli li jippermettu l-preselezzjoni, mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li l-vetturi jitwaqqfu, tal-vetturi suspettati bi ksur; dan huwa mod li jxekkel anqas il-fluss tat-traffiku, huwa anqas oneruż u jippermetti kundizzjonijiet ottimi ta' sikurezza. Ċertu tagħmir jista' jittella' abbord piżijiet tqal u jipprovi lis-sewwieq b'mezz ta' awtokontroll li jippermettilu jkun jaf jekk huwiex konformi mal-liġi. Dan it-tagħmir abbord jista' wkoll jikkomunika d-dettalji dwar il-vetturi, mingħajr ma jkun hemm għalfejn titwaqqaf il-vettura, lill-pulizija jew lis-sistemi awtomatiċi ta' kontroll li jitqiegħdu fit-triq, billi juża interfaċċja ta' komunikazzjoni li taħdem bil-microwaves. Fil-preselezzjoni, limitu minimu ta' piż ta' 2000 vetturi-kilometru jiggarrantixxi l-effikaċja

tal-kontroll fit-triq fit-territorju tal-Unjoni, għaliex jippermetti l-kontroll ta' kull vettura permezz ta' medja statistika kull tlett ijiem.

- (14) Għadd kbir ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/53/KE ġeneralment jirriżulta mil-livell mhux dissważiv tas-sanzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istati Membri f'każ ta' ksur ta' dawn ir-regoli, inkluż in-nuqqas ta' tali sanzjonijiet. Din id-dgħufija tiggrava aktar minħabba d-diversità kbira tal-livelli ta' sanzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istati Membri differenti. Sabiex ikun hemm rimedju għal dawn id-dgħufijiet, jeħtieġ li, fil-livell tal-Unjoni, jiġu armonizzati l-livelli u l-kategoriji ta' sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur tad-Direttiva 96/53/KE. Dawn is-sanzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.
- (15) L-awtoritajiet tal-kontroll fl-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni sabiex il-kontrolli tal-piżijiet tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi jsiru aktar effikaċi fil-livell internazzjonali, u sabiex il-kontrolli jitwettqu kif xieraq b'mod aktar faċli, b'mod partikolari l-identifikazzjoni ta' min ikun qed iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur u tas-sanzjonijiet applikati, u l-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriżi kkonċernati. Il-punt ta' kuntatt magħżul skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1071/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE⁹, jista' jservi ta' punt ta' konverġenza għal dan l-iskambju ta' informazzjoni.
- (16) Xieraq li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu infurmati b'mod regolari dwar il-kontrolli li jsiru mill-Istati Membri fit-toroq. Din l-informazzjoni, mogħtija mill-Istati Membri, se tippermetti lill-Kummissjoni li tiżgura r-rispett ta' din id-Direttiva min-naħa tat-trasportaturi u li teżamina jekk il-miżuri sfurzati għandhomx jiġu elaborati jew le.
- (17) Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiddefinixxi l-eżiġenzi applikabbli għat-tagħmir ajrudinamiku għdid li jitqiegħed fuq wara tal-vetturi jew għall-kunċett ta' vetturi bil-mutur ġodda, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa tat-tagħmir abbord tal-piż, u l-gwidi dwar il-proċeduri ta' kontroll tal-piż tal-vetturi fit-triq. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Matul it-tnejn u l-elaborazzjoni tal-atti ddelegati, il-Kummissjoni tiegħu ħsieb li d-dokumenti rilevanti jiġu trażmessi simultanjament, fi żmien xieraq u b'mod approprijat, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (18) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba d-dimensjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, jitwettqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, dawn jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà ddedikati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif imniżżel f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex tilħaq dan l-għan.
- (19) Jeħtieġ għalhekk li d-Direttiva 96/53/KE tiġi emendata,

⁹ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 96/53/KE hija emendata kif ġejj:

- 1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2 huwa kkompletat bid-definizzjonijiet li ġejjin:
 - "vettura bi propulsjoni ibrida": vettura skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹⁰, li jkollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni li jaħdem bl-elettriku u li mhuwiex imqabba b'mod permanenti man-netwerk jew ikollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni ta' kombustjoni interna;
 - "vettura elettrika": vettura skont it-tifsira tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi¹¹, li jkollha mutur wieħed jew aktar ta' trazzjoni li jaħdem bl-elettriku u li mhuwiex imqabba b'mod permanenti man-netwerk;
 - "unità tat-trasport intermodali" : unità li tista' tidħol fil-kategoriji li ġejjin: kontejner, kaxxa skambjabbli, semitrejlers;
- 2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġejj:
 - (a) Il-kelma "nazzjonali" titneħħa fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1.
 - (b) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tinbidel bis-sentenza li ġejja:

"L-operazzjonijiet tat-trasport jitqiesu li ma jaffettwawx ħafna l-kompetizzjoni internazzjonali fil-qasam tat-trasport, jekk jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-każ ta' operazzjoni transfruntiera, bejn żewġ Stati Membri li l-fruntieri tagħhom imissu ma' xulxin biss u li kull wieħed minnhom ikun adotta miżuri li ttieħdu b'applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, jekk tkun issodisfata kundizzjoni waħda jew oħra previsti fil-punti a) u b):"
- 3) L-artikoli: 4(6), 4(5)(b), 4(8)(a), jitħassru.
- 4) L-Artikolu 5 jinbidel kif ġejj: il-kliem "mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(6) : a)" jitħassru.
- 5) Ir-referenzi għad-Direttiva 70/156/KEE tal-Kunsill huma sostitwiti b'referenza għad-Direttiva 2007/46/KE¹².
- 6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit bit-test li ġejj:

¹⁰ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

¹¹ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

¹² Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi

Artikolu 8

1. Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir li jwieġeb għall-ħtiġijiet ippreċiżati hawn taħt. L-uniku għan ta' dan il-qbiż fit-tul hija ż-żieda, fuq wara tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, ta' tagħmir li jtejjeb il-karatteristiċi ajrudinamiċi tiegħu.
2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tas-sikurezza li t-tagħmir imsemmi fl-ewwel paragrafu jrid jissodisfa, huma dawn li ġejjin:
 - it-titjib sinifikanti fil-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tal-vetturi,
 - f'termini ta' sikurezza tat-triq u ta' sikurezza tat-trasport intermodali, b'mod partikolari:
 - (i) l-iffissar u ż-żamma maż-żmien tat-tagħmir sabiex jiġi limitat ir-riskju li jinqala',
 - (ii) sinjalazzjoni matul il-jum u l-lejl, li tkun effikaċi f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena u li tippermetti li l-parti esterna tal-vettura tkun viżibbli għall-utenti l-oħra tat-triq,
 - (iii) disinn li jillimita r-riskji li jkollhom il-vetturi l-oħra u l-passiġġieri tagħhom f'każ ta' ħabta,
 - (iv) it-tagħmir ma jżidx b'mod sinifikanti r-riskji li l-vettura tinqaleb minħabba rjieħ laterali;
 - id-dħul fin-netwerks eżistenti, b'mod partikolari
 - (i) iż-żamma tal-immaniġġjar tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi fuq l-infrastrutturi tat-toroq, urbani u interurbani,
 - (ii) għat-trejlers u semitrejlers ikkonċernati, id-dħul fl-unitajiet ferrovjarji, marittimi u tax-xmajjar matul l-operazzjonijiet tat-trasport intermodali,
 - (iii) dan it-tagħmir ikun jitgħawweġ, jiddaħħal 'il ġewwa jew jinqala' faċilment mis-sewwieq.

Il-qbiż tat-tul massimu ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi.
3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, it-tagħmir ajrudinamiku miżjud u l-istallazzjoni tiegħu fuq il-vetturi jridu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri li, għal dan il-għan, jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika r-rispett tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq u jindika li t-tagħmir jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-prestazzjonijiet ajrudinamiċi. Iċ-ċertifikati tal-awtorizzazzjoni mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.
4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, tal-livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3.
5. Sakemm jiġu adottati l-atti ddelegati, il-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi mgħammra bit-tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vetturi u li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 u eżaminati skont il-paragrafu 3, jistgħu jiċċirkulaw jekk it-tul tagħhom ikun jaqbeż, sa massimu ta' żewġ metri, it-tul stabbilit fil-punt 1.1 tal-

Anness I. Din il-miżura tranżitorja tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit bit-test li ġej:

Artikolu 9

1. Bil-għan li tittejjeb il-prestazzjoni ajrudinamika u s-sikurezza fit-triq tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi, it-tul massimu previst fil-punt 1.1 tal-Anness I, jista' jinqabeż għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ppreċiżati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt. L-għan prinċipali ta' dan il-qbiż huwa li jippermetti l-bini ta' kabini ta' tratturi filwaqt li jittejjbu l-karatteristiċi ajrudinamiċi tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi, u li jtejjeb is-sikurezza fit-triq.
 2. Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u sikurezza li l-kabini msemmija fl-ewwel paragrafu jridu jissodisfaw, huma dawn li ġejjin:
 - it-titjib fil-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tal-vetturi,
 - it-tishiġ tas-sikurezza tat-triq u tas-sikurezza fit-trasport intermodali, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-forma ta' quddiem tal-kabina:
 - (i) ittejjeb il-viżibbiltà għas-sewwieq tal-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari billi tnaqqas il-parti mhux viżibbli li tkun taħt il-windskrin ta' quddiem,
 - (ii) tnaqqas il-ħsarat f'każ ta' ħabta,
 - l-immaniġġjar tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni ta' vetturi fuq l-infrastrutturi u mingħajr ma jiġu imposti l-limiti fuq l-użu tal-vetturi fit-terminali intermodali,
 - il-kumdità u s-sikurezza tas-sewwieqa.Il-fatt li jinqabeż it-tul massimu ma jwassalx għal żieda fil-kapaċità tal-vetturi jew tal-kombinazzjoni tal-vetturi.
 3. Qabel il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, l-Istati Membri jeżaminaw il-prestazzjonijiet ajrudinamiċi tad-disinji l-ġodda tal-vetturi bil-mutur u għalhekk jagħtu ċertifikat. Dan jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 2 ta' hawn fuq. Iċ-ċertifikati tat-test mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti mill-Istati Membri l-oħrajn.
 4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, f'konformità mal-Artikolu 16, sabiex tikkompleta r-rekwiżiti li l-kabini l-ġodda tat-trattur iridu jissodisfaw, u li huma msemmija fil-paragrafu 2. Dawn jieħdu l-forma ta' karatteristiċi tekniċi, ta' livelli minimi ta' prestazzjonijiet, ta' limiti tad-disinn u ta' proċeduri maħsuba għall-għoti ta' ċertifikat tat-test imsemmi fil-paragrafu 3.
- 8) Fl-Artikolu 10, il-frażi "id-data indikata fl-Artikolu 11" jinbidlu bi "17 ta' Settembru 1997".
- 9) L-Artikolu 10a huwa sostitwit bit-test li ġej:

Artikolu 10a

Il-piżijiet massimi tal-vetturi bi propulsjoni ibrida jew bi propulsjoni kompletament elettrika huma dawk indikati fil-punt 2.3.1 tal-Anness I.

Il-vetturi bi propulsjoni ibrida jew elettrika għandhom, madankollu, jirrispettaw il-limiti indikati fil-punt 3 tal-Anness I: piżijiet massimi awtorizzati għal kull fus.

- 10) L-Artikolu 11 huwa sostitwit bit-test li ġejj:

Artikolu 11

Id-dimensjonijiet massimi stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.6 tal-Anness I jistgħu jinqabżu bi 15-il ċentimetru għall-vetturi jew għall-kombinazzjoni ta' vetturi li jittrasportaw kontenituri jew kaxx skambjabbli ta' 45 pied, fil-każ fejn it-trasport fit-triq tal-kontejner jew tal-iswap body ikun jagħmel parti mit-trasport intermodali.

Minħabba dan l-Artikolu u l-punt 2.2.2 c) tal-Anness I, l-operazzjoni tat-trasport intermodali tuża, tal-inqas, il-ferrovija, it-trasport bix-xmara jew it-trasport marittimu. Tkun tikkonsisti wkoll minn parti li tinvolvi t-triq fil-bidu jew lejn it-tmiem tal-vjaġġ tagħha. Kull parti li tinvolvi t-triq ma tistax tkopri aktar minn 300 km tat-territorju tal-Unjoni Ewropea, jew sal-eqreb terminali li bejniethom ikun hemm servizz regolari. Operazzjoni tat-trasport titqies ukoll bħala trasport intermodali jekk tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, ikun xi jkun it-tul tal-vjaġġi fit-triq inizjali u dawk finali. Il-vjaġġ inizjali u l-vjaġġ finali fit-triq f'operazzjoni li tuża t-trasport marittimu fuq distanza qasira fl-Ewropa, jibdeu mill-punt tat-tagħbija tal-merkanzija sal-eqreb port marittimu xieraq għall-vjaġġ inizjali u/jew f'dak il-każ bejn l-eqreb port marittimu xieraq u l-punt ta' żbark tal-merkanzija għall-vjaġġ finali.

- 11) L-Artikolu 12 huwa sostitwit bit-test li ġejj:

Artikolu 12

1. L-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' preselezzjoni u ta' kontroll li għandha fil-mira l-vetturi jew il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni, sabiex jassiguraw ir-rispett tal-obbligi ta' din id-Direttiva.
2. Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jagħmlu miżuri ta' piż fuq il-vetturi jew fuq il-kombinazzjoni ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn il-miżuri ta' preselezzjoni għandhom l-għan li jidentifikaw il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' ksur u li għandhom jiġu kkontrollati manwalment. Dawn jistgħu jsiru bl-għajnuna ta' sistemi awtomatiċi mqiegħda fuq l-infrastrutturi, jew ta' sistemi abbord il-vetturi skont il-paragrafu 6 ta' hawn taħt. Is-sistemi awtomatiċi għandhom jippermettu l-identifikazzjoni tal-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż massimu awtorizzat. Iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi awtomatiċi min-naħa tal-Istati Membri, li ma jkunux intużaw ħliet għal preselezzjoni u mhux biex jikkarakterizzaw il-ksur, mhijiex obligatorja.
3. L-Istati Membri jipproċedu għal għadd ta' miżuri ta' preselezzjoni li jirrappreżentaw tal-anqas piż għal 2000 vettura-kilometru f'medja annwali.
4. L-Istati Membri jaraw li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja sabiex il-kontrolli jsiru aktar effikaċi fil-livell tal-Unjoni u sabiex dawn jiġu ffaċilitati, b'mod partikolari permezz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn. Din l-informazzjoni neċessarja tinkludi, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni ta' min iwettaq il-ksur, id-deskrizzjoni tal-ksur imwettaq u s-sanzjonijiet applikati flimkien mal-istat ta' rispettabbiltà tal-intrapriża kkonċernata. Il-punt ta' kuntatt huwa magħżul skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1071/2009/KE.

5. Il-vetturi li dwarhom hemm suspett ta' eċċess fil-piż wara li tkun twettqet il-preselezzjoni skont il-paragrafu 2, huma s-suġġett ta' miżura waħda jew aktar minn fost dawn li ġejjin:
 - (i) kontroll fit-triq permezz ta' tagħmir ta' kejl approvat wara l-interċettazzjoni tal-vettura,
 - (ii) notifika li tintbagħat lill-intrapriża tat-trasport bl-informazzjoni li tikkonċerna s-suspett fil-konfront tal-eċċess fil-piż tal-vettura,
 - (iii) kontroll tal-intrapriża tat-trasport fil-postijiet tagħha, b'mod partikolari f'każ ta' reċivdità wara li tintbagħat l-informazzjoni msemmija f'(ii).
 6. Skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-fatt li l-vetturi u l-kombinazzjoni ta' vetturi jiġu mgħammra b'tagħmir ta' ppeżar abbord (piż totali u piż għal kull fus) li jippermetti li f'kull mument ikunu jistgħu jiġu kkomunikati d-dettalji tal-ippeżar; mill-vettura li tkun qed tiċċirkola lejn l-awtorità li tkun qed twettaq il-kontrolli fit-triq jew li tkun responsabbli għar-regoli tat-trasport tal-merkanzija. Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' interfaċċja ddefinita bl-istandards CEN DSRC¹³ EN 12253, EN 12795, EN 12834, EN 13372 u ISO 14906.
 7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 16 fir-rigward ta'
 - l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kumplimentari li jippermettu li tiġi żgurata l-interoperabilità sħiħa fil-livell tal-Unjoni, it-tagħmir abbord ta' ppeżar imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, sabiex l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jkunu jistgħu jikkomunikaw bl-istess mod mal-vetturi u mal-kombinazzjoni ta' vetturi rreġistrati fl-Istat Membru kollha u f'dak il-każ, tiġi skambjata informazzjoni li tkun waslet mal-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn.
 - il-proċeduri ta' kontroll tal-preselezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezzi materjali użati għall-kontrolli tal-preselezzjoni, ir-rekwiżiti tal-preċiżjoni u r-regoli tal-użu ta' dawn il-mezzi materjali. Dawn il-proċeduri, l-ispeċifikazzjonijiet u r-regoli tal-użu għandhom l-għan li jiżguraw li l-kontrolli jsiru bl-istess mod fl-Istati Membri kollha filwaqt li b'dan il-mod jiġi garantit trattament ugwali għat-trasportaturi kollha fit-territorju kollu tal-Unjoni.
- 12) L-Artikolu 13 huwa sostitwit bit-test li ġej:

Artikolu 13

1. Il-ksur fid-Direttiva preżenti huwa kklassifikat f'kategoriji differenti skont il-livell ta' serjetà tagħhom.
2. Piż żejjed li jkun inqas minn 5 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 jippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni;
3. Piż żejjed ta' bejn 5 u 10 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur minuri skont it-tifsira ta' din id-Direttiva u jwassal għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll jistgħu wkoll iwaqqfu l-vettura sabiex tinħatt sakemm din tilħaq il-piż massimu awtorizzat;

¹³ DSRC : Dedicated short Range Communications

4. Piż żejjed ta' bejn 10 u 20 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur gravi skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Dan iwassal għal sanzjoni finanzjarja u għaż-żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat.
 5. Piż żejjed ta' 20 % tal-piż massimu awtorizzat fil-punti 2, 3, 4.1 u 4.3 tal-Anness 1 huwa meqjus bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal żamma immedjata tal-vettura sabiex din tinħatt sakemm tilħaq il-piż massimu awtorizzat flimkien ma' sanzjoni finanzjarja. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009¹⁴,
 6. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' anqas minn 2 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 tippermetti avviż bil-miktub lill-intrapriża tat-trasport, li jista' jwassal għal sanzjoni, jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi dan it-tip ta' sanzjoni.
 7. Tul żejjed jew wisa' żejda ta' bejn 2 sa 20 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1, kemm jekk tal-piż imbarkat jew tal-vettura innifisha, iwasslu għal sanzjoni finanzjarja. L-awtoritajiet tal-kontroll iwaqqfu l-vettura sakemm tinħatt jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija, jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport, skont l-Artikolu 4(3);
 8. Tul żejjed jew wisa' żejda tat-tagħbija jew tal-vettura ta' aktar minn 20 % tad-dimensjonijiet massimi indikati fil-punt 1 tal-Anness 1 huma meqjusa bħala ksur serju ħafna skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, minħabba r-riskji kbar għall-utenti l-oħra tat-triq. Dan iwassal għal sanzjonijiet finanzjarji u għaż-żamma immedjata tal-vettura min-naħa tal-awtoritajiet tal-kontroll, sakemm tinħatt il-vettura jew sakemm jinkiseb permess speċjali mill-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 4(3) jekk it-tul żejjed jew il-wisa' żejda jkunu minħabba t-tagħbija. Għandha tiġi implimentata l-proċedura tat-telf ta' rispettabbiltà tal-intrapriża tat-trasport skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1071/2009.
 9. Is-sanzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafi 3, 4, 5, 7 u 8 huma effettivi, proporzjonali u dissważivi.
- 13) Jiżdied l-Artikolu 14 li ġej:

Artikolu 14

Għat-trasport tal-kontejners, il-burdnar jagħti lit-trasportatur tat-triq, fdat bit-trasport tal-kontejner min-naħa tal-burdnar, dikjarazzjoni li tindika l-piż tal-kontejner ittrasportat. Il-burdnar ikun responsabbli f'każ li din l-informazzjoni tkun nieqsa jew żbaljata, u t-trasportatur huwa responsabbli f'każ ta' tagħbija żejda tal-vettura.

- 14) Jiżdied l-Artikolu 15 li ġej

Artikolu 15

Kull sentejn, fl-ewwel trimestru tas-sena kalendarja, l-Istati Membri jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar il-kontrolli li jkunu twettqu matul is-sentejn kalendarji ta' qabel, ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli, u s-sanzjonijiet applikati fuq min ikun wettaq il-ksur. Il-Kummissjoni tistabbilixxi analiżi ta' dawn ir-rapporti u tibgħatha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-tieni trimestru tas-sena kalendarja.

¹⁴ ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51.

- 15) Jiżdied l-Artikolu 16 li ġej:

Artikolu 16

1. Is-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti ddelegati hija sottomessa għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemija fl-Artikolu 8(4), fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7) tingħata lill-Kummissjoni għal tul indeterminat ta' żmien li jibda mill-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
3. L-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 8(4) u fl-Artikolu 9(5) u fl-Artikolu 12(7), jista' jiġi rrevokat f'kull ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka ttejjem l-għoti tas-setgħat ippreċiżati. Hi tibda tapplika mill-ewwel jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data oħra li tippreċiża. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandi tinnotifika dan simultanjamment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat, adottat skont l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 9(5) u l-Artikolu 12(7), jidħol biss fis-seħħ jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att liż-żewġ istituzzjonijiet jew jekk, qabel ma tkun għaddiet id-data ta' skadenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx. Din l-iskadenza tista' titwal b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

- 16) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

- a) Il-punt 1.2 b) jinbidel bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:
 - "Superstrutturi ta' vetturi kundizzjonati jew li jkunu qed iġorru unitajiet ta' trasport intermodali kundizzjonati: 2,60 m"
- b) Il-punt 2.2.2 c) jinbidel bit-test li ġej:
 - "Vettura bil-mutur bi 3 fusijiet b'semirejler li jkollu 2 jew 3 fusijiet u li jkun qed jitrasporta, fi trasport intermodali, unità waħda jew aktar ta' trasport intermodali, għal tul massimu totali ta' 40 jew 45 pied: 44 tunnellata."
- c) Il-punt 2.3.1 jinbidel bit-test li ġej:
 - "Vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex karozzi tal-linja: 18-il tunnellata."
 - "Vetturi bil-mutur b'żewġ fusijiet li mhumiex xarabank u bi propulsjoni ibrida jew elettrika: 19-il tunnellata."
 - "Xarabank b'żewġ fusijiet: 19-il tunnellata."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-modalitajiet ta' din ir-referenza huma stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet essenzjali tal-liġi interna li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President